MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 307/2014

**Wade Patrick Tichner (K.I. 371471M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors Guramentat ta' Wade Patrick Tichner (K.I. 371471M) datat 11 ta’ April 2014 fejn espona: -

Illi l-esponenti twieled fl-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971) gewwa l-Blue Sisters Hospital, Malta, hekk kif tixhed vera kopja tar-registrazzjoni tat-twelid anness u mmarkat bhala 'Dok. A';

Illi hekk kif jirrizulta mill-anness estratt mir-registrazzjoni tat-twelid mmarkat 'Dok. A', l-esponenti gie mnizzel fir-registru korrettement bhala Wade Patrick, iben Roger Tickner u Maria Carmela Tickner nee' Mifsud, izda jirrizulta illi gie rregistrat permezz ta' l-att tat-Twelid bin-numru 3714/1971, vera kopja ta' estratt ta' liema qieghed jigi anness u mmarkat bhala ‘Dok. B' bhala Wade Patrick, iben Roger Tichner, bi zball fil-kunjom u cioe' minflok l-ittra 'k' fil-kunjom giet imnizzla l-ittra 'h', hekk kif jirrizulta mill-karta ta' l-identita' bin-numru 371471M, vera kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata bhala 'Dok. C' u l-passaport tar-Repubblika ta' Malta bin-numru 1114033, vera kopja ta' liema jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. D';

Illi effettivament l-izball huwa wiehed ortografiku fis-sens illi minflok il-kunjom Tickner bl-ittra 'k', huwa gie rregistrat bil-kunjom Tichner bl-ittra 'h', konsegwenza ta' liema zball inholoq inkonvenjent lill-esponenti *stante* illi nhargu skorrettement numru ta' dokumenti ufficjali, u ghaldaqstant tali registrazzjoni tehtieg korrezzjoni sabiex id-dokumenti kollha ufficjali jinhargu bl-isem u l-kunjom korretti;

Illi tali zball fil-kunjom jirrizulta mhux biss fil-kunjom ta' l-esponenti izda wkoll fil-kunjom ta' missier l-esponenti, Roger Tickner, u sahansitra fil-kunjom ta' missier missier l-esponenti Eric Tickner;

Illi hekh kif jixhdu numru ta' dokumenti, fosthom il-passaport tar-Renju Unit bin-numru 094106408, l-att taz-zwieg bin-numru 1292/1970 ta' missieru Roger Tickner ma' ommu Carmen Mifsud, karta tal-identita' antika tar-rikorrenti, ittra mibghuta lill-esponenti mill-Gvern ta' Malta b'konnessi mal-applikazzjoni ghal e-ID, kuntratt ta' impjieg ma' S. Mifsud & Sons Limited, applikazzjoni ghal impjieg ma' l-ETC, tliet certifikati tal-edukazzjoni tal-esponenti kif ukoll estratt mir-registru tal-maghmudija parrokjali, liema dokumenti qeghdin jigu annessi u mmarkati rispettivament bhala 'Dok E1' sa 'Dok E10', l-isem shih korrett tal-esponenti huwa dak ta' 'Wade Patrick Tickner';

Illi *in vista* tas-suespost jinhtieg illi jigi korrett kunjom missier u kunjom missier missier l-esponenti fl-att tat-twelid bin-numru 3714/1971 tal-25 ta' Awwissu tas-sena 1971 sabiex jirrifletti l-verita' u cioe` illi l-kunjom Tichner fil-kolonna fejn jigi indikat 'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier' jigi jaqra' Tickner';

Illi sussegwentement ghandu jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti illi d-dokumenti kollha ufficjali sussegwenti ta' l-esponenti Wade Patrick Tickner jigu kkorreguti sabiex ikunu korretti u cioe' illi jigi jinqara l-kunjom 'Tickner' kif korrett bl-ittra 'k' u mhux kif jinqara prezentament bl-ittra 'h';

Ghaldaqstant, u *in vista* tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvedimenti ohra illi jidhrilha xierqa u opportuni joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti Wade Patrick Tichner ilu sa mit-twelid maghruf konsistentement bhala Wade Patrick Tickner;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Twelid bin-numru 3714/1971 tal-25 ta' Awwissu tas-sena 1971 sabiex l-kunjom Tichner fil-kolonna fejn jigi indikat 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier' jigi jaqra 'Tickner';

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Twelid bin-numru 3714/1971 tal-25 ta' Awwissu tas-sena 1971 sabiex l-kunjom Tichner fil-kolonna fejn jigi indikat 'Isem u kunjom tal-missier' ta' missier it-tarbija jigi jaqra 'Tickner';

4. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili ta' l-esponent u specifikatament fil-karta tal-identita' bin-numru 0371471M valida mit-12 ta' Dicembru tas-sena 2013, fil-passaport tar-Repubblika ta' Malta bin-numru 1114033 mahrug fis-16 ta' Dicembru tas-sena 2013 u f'atti ohra futuri ta' l-istat civili ta' l-esponent *ai termini* ta' l-artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrilaxxja kontra pagament lill-esponenti, certifikat intier tat-twelid tieghu bil-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 25 ta’ April 2014 (fol 26) fejn espona : -

1. Illi *in linea* preliminari jinghad iIli huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tat-Ligijiet ta' Malta;

2. IIli preliminarjament jirrizulta li r-rikorrenti twieled hawn Malta, u ghaldaqstant it-twelid tieghu gie originarjament registrat hawn Malta. Illi *in vista* ta' dan, l-att tat-twelid **originali** tieghu huwa dak hawn anness u mmarkat Dok A u mhux dak anness mir-rikorrenti mar-rikors tieghu (l-att Ii ghandu fuqu l-kliem 'Birth within the district of the United Kingdom High Commissioner at Malta'). Illi r-registrazzjoni tat-twelid li kopja taghha giet annessa mir-rikorrenti mar-rikors tieghu, kellha tirrifletti l-att tat-twelid registrat fir-Registru Pubbliku u mhux informazzjoni skritta/spelluta b'mod differenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fiz-zmien li gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti u ossia fis-sena 1971, ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak Ii jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistioni.

4. Illi fuq l-att tat-twelid *de quo* kien propju missier ir-rikorrenti li kien id-dikjarant u li ta l-informazzjoni kollha li mbaghad tnizzlet fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, u sahansitra ffirma l-istess att.

5. Illi jigi wkoll sottomess illi artikolu 253(3) tal-Kap. 16 jitkellem dwar talba sabiex il-bdil effetwat fl-att tat-twelid jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess persuna u, fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxindenti ulterjuri ta' dik il-persuna. Illi l-atti li taghmel referenza ghalihom il-ligi f'dan ir-rigward huma atti ta' stat civili, liema atti jinkorporaw fihom atti tat-twelid, zwieg u mewt. Illi ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti sabiex kwalsiasi bdil fl-att tat-twelid, jekk awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, jigi rifless fil-karta ta' l-identita' u fil-passport tar-Repubblika ta' Malta ma tistax tintlaqa' *stante* li tali dokumenti ma jaqghux fil-parametri ta' dan l-artiklu tal-ligi.

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-20 ta' Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Marlon Borg ghar-rikorrent prezenti, u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr Borg talab Ii l-proceduri odjerni jipprosegwu bil-lingwa lngliza, Iiema talba mhix opposta. Il-Qorti

tilqa' t-talba, b'dan li s-sentenza eventwali tinghata bil-lingwa Maltija. Dr Cordina does not oppose the request put forward by plaintiff but registers his opposition to the request under para (d) of the application, in so far as this is not contemplated by law. The plaintiff declares that he has no further proofs, and the same is being declared by the defendant. The case was differed for judgement for the 29th May 2014 at 9:30a.m.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur, li hu mwieled f'Malta **(DOK B)** qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tieghu numru 3714/1971 billi l-kunjom indikat bhala kunjom missieru kif ukoll dak indikat bhala kunjom in nannu patern gie erronjament imnizzel bhala "*Tichner"* minnflok "*Tickner."* Ghalhekk minnflok l-ittra "k" giet iskritta l-ittra "h", L-intimat mhuwiex qed jopponi din it-talba ghajr ghal dak li jirrigwarda ir-raba` talba[1] peress li din, kif dedotta, mhix kontemplata mil-Ligi.

---

[1] Verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014

L-attur esebixxa dokument rilaxxjat mill-*British High Commission* (**DOK A)** fejn kunjom missieru hu indikat bhala "*Tickner"* u kopja ta' estratt mill-Passaport tieghu rilaxxjat mir-Renju Unit minn fejn jirrizulta li kunjomu huwa indikat bhala "*Tickner"* **(Dok.E1)**.

Jirrizulta li c-certifikat tat-twelid esebit bhala **DOK B** huwa miktub *a mano* u ghalhekk l-izball jidher li huwa wiehed ortografiku. B'konsegwenza ta' dan l-izball, l-attur jikkontendi li qed ibati minn diversi inkonvenjenti fosthom il-fatt li diversi dokumenti ufficjali tieghu ma jirriflettux il-kunjom korrett tieghu.

It-tezi tal-attur hija sorretta wkoll b'kopja tal-att ta' zwieg ta' missieru, Roger Tickner, rilaxxjat mir-Registru Pubbliku **(DOK E2)** u r-registrazzjoni maghmula *ai fini* tal-maghmudija (**DOK E10)** f'isem *Wade Patrick Tickner.*

*Inoltre* esebixxa diversi dokumenti li juru li konsistentement juza l-kunjom korrett tieghu *Tickner.*

Ikkonsidrat li l-intimat ma nkorra fl-ebda zball izda agixxa fuq l-istruzzjonijiet tad-dikjarant peress li fiz-zmien ta' registrazzjoni, kien jistrieh fuq id-dikjarazzjonijiet maghmula lill-ufficjali tar-Registru Pubbliku fl-assenza ta' sistema kompjuterizzata. *Inoltre* l-att tat-twelid gie ffirmat mid-dikjarant li kien proprju missier ir-rikorrent.

**<u>Ir-raba' Talba</u>**

Permezz tat-talba dedotta fil-paragrafu (d), ir-rikorrent qed jitlob li t-tibdil jigi riflett fl-atti kollha tal-hajja civili, senjatament il-karta tal-Identita`, il-Passaport mahrug mir-Repubblika ta' Malta u f'atti ohra futuri ta' l-istat civili.

Ikkonsidrat li l-kaz odjern jimmira lejn il-korrezzjoni ta' atti ta' stat civili u ghalhekk ma tistax testendi ghall-tibdiliet tad-dokumenti imsemmija li mhumiex atti ta' stat civili skont it-tifsira legali.

Fir-rigward ta' atti futuri, il-Qorti tifhem li r-registrazzjoni tal-isem tar-rikorrent *ai fini* ta' certifikati *ad futuram* ikun mibni fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu kif issa korrett u ma hemmx lok sabiex il-Qorti tipprovdi f'dan is-sens ukoll.

Ghaldaqstant din it-talba ma tistax tigi milqugha.

Rigward ir-rimanenti talbiet, il-Qorti jidhrilha li huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu akkolti.

Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-izball li sar u ma għandux ibati spejjeż.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimat ghar-raba' talba attrici, tiddisponi mit-talbiet billi:

**1. Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti Wade Patrick Tichner ilu sa mit-twelid maghruf konsistentement bhala Wade Patrick Tickner.

**2. Tilqa' t-tieni talba attrici** u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Twelid bin-numru 3714/1971 tal-25 ta' Awwissu tas-sena 1971 sabiex l-kunjom Tichner fil-kolonna fejn jigi indikat 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier' jigi jaqra 'Tickner'.

**3. Tilqa' t-tielet talba attrici** u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Twelid bin-numru 3714/1971 tal-25 ta' Awwissu tas-sena 1971 sabiex l-kunjom Tichner fil-kolonna fejn jigi indikat 'Isem u kunjom tal-missier' ta' missier it-tarbija jigi jaqra 'Tickner'.

**4. Tichad ir-raba` talba attrici** ghar-ragunijiet moghtija.

**5. Tilqa' il-hames talba attrici** u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrilaxxja certifikat intier tat-twelid tieghu bil-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi, izda a spejjez tal-istess rikorrent.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------